**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Roberta Caruana

vs

Able Company Limited

CCT 133/18/MS

5 ta' Gunju 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta' Awwissu 2018 fejn talbet is-somma ta' €894+€50, prezz ta' *airconditioning unit* illi xtrat minghand is-socjeta' konvenuta liema *unit* ma kienx tajjeb ghall-uzu li kien intenzjonat, kif ukoll li l-installazzjoni ma kenitx wahda professjonali fejn thalliet toqba madwar l-*airconditioning unit* u nonostante illi hallset hamsin Euro bhala *tips*, ix-xoghol xorta ma sarx sew.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talbiet rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; illi kkonsenjaw mudell tas-sena 2018 u illi ppruvaw jikkoperaw mar-rikorrenti biex izzommu relazzjonijiet tajba u anke ghamlu *service* ta' *airconditioner* antik b'xejn.

Ra l-verbal tat-28 ta' Novembru 2018 fejn minhabba n-natura teknika ta' din il-kawza, gie nominat perit tekniku (Ing. Charles Yousif) biex jirrelata dwar it-talbiet rikorrenti wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-intimat.

Ra illi t-tekniku espleta l-inkarigu tieghu u kkonfermah bil-gurament fit-18 ta' Frar 2019.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti xtrat *airconditioner* 14 BTU minghand is-socjeta' intimata fl-ammont ta' €894 (DoK B).
Illi r-rikorrenti tallega illi dan l-airconditioner ma kienx b'sahhtu bizzejjed biex ikessah l-ambjenti fejn kien installat. Tghid ukoll illi hija riedet u talbet *unit* ta' tmintax - il BTU izda

t-teknici tas-socjeta' intimata qalulha illi erbatax BTU kien ser ikun bizzejjed u qaghdet fuq il-parir taghhom. Ilmentat ukoll illi l-istallazzjoni ma kenitx skond l-arti u s-sengha peress illi thalla spazju bejn il-*unit* u l-hajt.

Illi min-naha l-ohra, s-socjeta' intimata tinsisti illi 14 BTU kellu jkun bizzejjed ghall-ambjenti fejn kien u fi kwalunkwe kaz il-*unit* kien il mudell l-aktar recenti (latest model) disponibbli ghal dik is-sena. Ippruvaw jaghmlu minn kollox biex jaqdu r-rikorrenti izda hi webbset rasha u kellhom jispiccaw quddiem dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Illi minhabba r-raguni teknika ta' din il-kawza kif gja nghad it-Tribunal innomina lil Ing. Charles Yousif sabiex jirrelata dwar dan il-kaz. Fl-argumenti tieghu it-tekniku pprezenta erba' sitwazzjonijiet (scenarios) fejn l-airconditioner ikun jista' jigi uzat taht kondizzjonijiet differenti. Ikkonkluda li ghalkemm l-airconditioner kif stallat seta' kien bizzejjed ghal xenarju minghajr uzu ta' cooker, meta dan jintuza fis-sajf il-kapacita' tal-unit ma kenitx tkun sufficjenti. Ghalhekk ikkonkluda:

1. li l-installazzjoni tal-airconditioner kienet wahda skond l-arti u s-sengha
2. Il-*cooling capacity* ta' 14,000 BTU ma kenitx sufficjenti biex tkessah l-ambjenti specjalment fl-istagun tas-sajf meta l-*cooker* ikun mixghul.
3. Irrakomanda li l-kapacita' minima tal-*airconditioner* kellu jkun almenu 18,000 BTU.
4. Illi biex l-*airconditioner* ilahhaq ukoll mal-kamra tal-banju/ *storeroom* u l-uzu tal-*cooker*, kellu jkun 22,000BTU.

Peress illi dawn il-konkluzjonijiet ma gewx ikkontestati min-naha tas-socjeta' intimata, it-Tribunal sejjer joqghod fuqhom u jibbaza il-konkluzjoni tieghu fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ing. Yousif. Irrizulta illi r-rikorrenti kienet insistiet mal-ewwel illi l-*unit* kellu jkun tal-kapacita' ta' 18,000BTU u kien biss fuq rakkomandazzjoni tas-socjeta' konvenuta li r-rikorrenti accettat li tixtri A/C ta' 14,000 BTU. Dan evidentement kien parir hazin li ghalih ghandhom jerfghu responsabbilita' is-socjeta' konvenuta. Airconditoner li ser jintuza go kcina fejn huwa normali li jsir it-tisjir ghandu jkessah anke □□□□□□□□□□□□□□xghul - anzi, fil-fehma tat-Tribunal, dan huwa sine qua non.

Ghal dak illi huma il-€50.00 li hallset ir-rikorrenti bhala *tips*, it-Tribunal ma jidhirlux illi dawn ghandhom jigu rifuzi peress illi ir-rikorrenti hallsithom *di proprio* u ma kienux mitluba mis-socjeta' intimata.

Ghalhekk, filwaqt illi jilqa' l-konkluzjonijiet tat-tekniku minnu nominat, it-Tribunal jilqa' parzjalment t-talba tar-rikorrenti, u jikkundanna lis-socjeta' intimata li jirrifondilha l-ammont ta' €894, prezz ta' *airconditioner* installat fir-residenza tar-rikorrenti fis-16 ta' Mejju 2018. Bl-ispejjes kontra s-socjeta intimata. Jordna wkoll illi wara l-hlas, is-socjeta' intimata tkun awtorrizata tiehu lura a spejjes taghha *l-airconditioner* in kwistjoni.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru